# Il-kappella ta' Santa Marija fil-Qortin



Mons. Joseph Bezzina

Nhar it-13 ta' Frar 1575, Monsinjur Pietro Dusina beda viżta appostolika Għawdex. Intbagħat Malta mill-Papa biex jagħmillu rapport tal-qagħda tal-Knisja f'dawn il-gżejjer. Ir-rapport ta' dan il-Viżitatur Appostoliku jiswa mitqlu deheb għax jagħtina stampa ċara tas-sitwazzjoni ekkleżjastika f'dawn il-gżejjer fl-aħħar kwart tas-seklu sittax. Hawn Għawdex żar mal-ħamsin binja tal-knisja, fosthom il-kappella ta' Santa Marija ta' Nofs Awwissu fil-Qortin Ta' Sannat.

## 1 • Il-kappelli tal-kampanja

L-ewwel kappelli tal-kampanja aktarx li kienu xi għerien. Kienet titpoġġa fihom xbiha ta' xi qaddis jew qaddisa, tingħalaq id-daħla tal-għar b'ħajt tas-sejjieħ imbattam, u jagħmlu bieb b'xi għesieleġ marbuta flimkien. Nhar il-festa kienu jistiednu qassis ħa jagħmel quddiesa.

F'Għawdex għandna ħjiel ta' tliet kappelli trogloditi, jiġifieri ġo għerien: l-eqdem fosthom kienet iddedikata lill-Annunzjazzjoni tal-Madonna fuq ir-riħ ta' Wied is-Saqqaja, fit-trufijiet tar-Rabat – illum magħruf, wara din il-kappella, bħala Wied il-Lunzjata. It-tieni, kienet ftit 'il fuq minnha fid-daħla ta' Għar Gerduf, post tad-dfin sa miż-żminijiet Klassiċi, u kienet iddedikata lil San Ġużepp. It-tielet kienet fil-grotta taħt il-passaġġ, illum triq, li mill-Fontana jwassal sax-Xlendi, u kienet iddedikata lil Santa Dminka.

Meta l-bennej Għawdxi tgħallem jibni l-ħnejjiet bdew telgħin l-ewwel kappelli żgħar. Verament żgħar, għax kif nafu minn xi tagħrif



It-tagħrifa f'De Soldanis dwar l-benefizzju ta' Santa Marija ta' Bebunak – ħajr NAG/ZM/01, 001, f.567.



Disinn ipotetiku ta' kif setgħet kienet il-kappella biz-zuntier ta' quddiemha – Daniel Cilia.

li ħallewlna l-Isqfijiet fir-rapporti tal-viżti pastorali, numru konsiderevoli ma kellhomx għajr tliet ħnejjiet. Il-kappella kien għalhekk ikellha erba' indani xorok. Toni Calleja, li kellu s-sengħa ta' bennej, kien qalli li l-itwal ċangatura tal-franka ma taqbeż qatt żewġ metri; metru u nofs hu l-qies komuni. Dan ifisser li ħafna minn dawn il-kappelli, bil-presbiterju b'kollox, ma kinux itwal minn sitt metri.

Il-kappelli twaqqfu f'kull naħa ta' Għawdex u Ta' Sannat ma kienx eċċezzjoni. Ħafna minn dawn il-kappelli aktarx li nbnew b'wegħda, b'radd ta' ħajr lill-Madonna jew lil xi qaddis jew



*L-istess fdalijiet mill-ajru – Daniel Cilia.*

qaddisa ta' xi grazzja kbira li jkunu qalgħu: xi fejqan minn xi marda, xi fidwa mill-jasar, u grazzji oħra. Nafu talinqas bi tmien kappelli fl-inħawi Ta' Sannat. L-iktar waħda importanti, skont it-tagħrif mir-rapporti tal-viżti pastorali, kienet proprju l-kappella ta' Santa Marija ta' Nofs Awwissu.

## 2 • Santa Marija ta' Nofs Awwissu

Din il-kappella hi waħda minn dawk imsemmija fir-rapport ta' Pietru Dusina fi Frar 1575. Iżda din ma kinitx l-ewwel viżta li saret Għawdex.

Nafu żgur li fis-sena 1545, Monsinjur Duminku Cubelles, isqof ta' Malta u Għawdex (1542-1566), kien ukoll għamel viżta f'Għawdex. Sal-1745, ir-rapport ta' din il-viżta kien għadu jeżisti fil-Kurja Veskovili ta' Malta. Tant hu hekk li Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis, il-pijunier tal-istoriċi Għawdxin, jiċċitah kemm-il darba fl-istorja tiegħu ta' Għawdex, li parti sustanzjali tagħha llum hi ppublikata bil-Malti (ara għal manuskritt: GPF Agius de Soldanis, Il Gozo Antico-Moderno e Sacro-Profano, 1746 : NAG/ZM/01/001 u għal verżjoni bil-Malti GPF Agius de



*Dawk li possibilment huma l-fdalijiet tal-kappella – Daniel Cilia.*




*Pjanta tal-Qortin ta' Ċenċ bil-post fejn possibilment kien hemm il-kappella ta' Santa Marija ta' Nofs Awwissu – ħajr PA.*

Soldanis, Għawdex bil-ġrajja tiegħu, 2 volumi, Malta 1936-53).

Ir-rapport oriġinali tas-sena 1545 intilef. Madankollu ċ-ċitazzjonijiet ta' De Soldanis nistgħu noqogħdu fuqhom ħafna għax ipprova jkun kemm jista' jkun eżatt. Il-viżta ta' Cubelles kienet l-ewwel waħda li saret wara l-għotja tal-gżejjer Maltin lill-Kavallieri ta' San Ġwann fis-sena 1530. Nafu li qabel saret talinqas viżta oħra, iżda r-rapporti ma waslux sa żmienna.

## 3 • Il-kappella tal-Qortin

Il-kappella tal-Qortin fil-ħâra ta' Ċenċ kienet magħrufa minn nies bħala ta' Santa Marija ta' Nofs Awwissu u hi msemmija għall-ewwel darba fil-viżta ta' Cubelles tal-1545 (iċċitata minn De Soldanis, manuskritt, 566-567 u traduzzjoni bil-Malti, II, 27).

De Soldanis jgħarrafna li fir-rapport tal-1545 kien qara' li din il-kappella bnieha ċertu Pawlu Chettut u li kienet qadima bil-bosta. De Soldanis fil-fatt jobsor li twaqqfet lejn is-sena 1400. Milli jidher hu wasal għal din il-konklużjoni minn xi tagħrif li kiseb minn ktieb tal-benefizzji antiki.

Il-kappella kellha fil-fatt marbut magħha l-benefizzju msejjah ta' Santa Marija ta' Bebunak jew inkella Ta' Parascandali. Ta' Sannat għadha teżisti tifkira ta' dan il-kunjom f'dik li msejħa Il-Ponta tal-Iskandlu f'ta' Ċenċ. Is-Sannatin isejħu b'dan l-isem dik il-ponta 'l barra mill-Kantra. Dan l-isem hu ġej sewwa sew mill-kunjom tal-familja Parascandali li għandu mnejn kienu waqqfu dan il-benefizzju.

Iżda jista' jkun ukoll li dan hu l-kunjom ta' wieħed mill-benefiċċjarji, jiġifieri ta' xi ħadd li għal xi żmien gawda dan il-benefizzju. Fil-fatt De Soldanis sab ħjiel li aktarx twaqqaf minn ċertu Mattew Said bin Nardu, Għawdxi. Hu x'inhu hu benefizzju qadim bil-bosta.

Fi Frar 1575, meta żarha Dusina, il-kappella ta' Santa Marija kienet mingħajr bieb, madankollu kellha ħajt dawramejt (AEG, VA [1575] 271). Il-fundatur tal-knisja Chettut kien ħallielha tomna raba' biex mid-dħul fuqha issir quddiesa nhar Santa Marija u jsiru l-ispejjeż meħtieġa għaż-żamma sewwa tal-kappella. Dik il-ħabta, ir-raba' kien f'idejn ċertu Mikiel Defantino li kien obbligat mill-Viżitatur ħalli fi żmien xahar jieħu ħsieb jagħmel il-bieb (ibid).

Il-bieb sar għax din il-kappella kellha dħul tajjeb. Infatti mir-rapport tal-viżta tal-1592, nafu li fil-fatt il-fundatur tagħha kien ħallielha mhux tomna waħda, kif kien maħsub qabel, iżda erbat itmiem raba' (AEG, VP [1592] 13r). Il-kappella kompliet dejjem gejja 'l quddiem.



*Dehra oħra tal-fdalijiet mill-ajru – Daniel Cilia.*

## 4 • Il-kappella tieħu r-ruħ

Fl-1615, il-kappella kellu inkwatru sabiħ fuq it-tila li kien jirraprezenta t-Tlugħ tal-Verġni Mqaddsa Marija fis-Sema. Minn din il-viżta nafu wkoll li l-bieb prinċipali kien iħares lejn il-punent u li quddiemu kien hemm ċimiterju żgħir imdawwar b'ħajt tas-sejjieħ. Kien allura jieħu ħsieb il-kappella l-Imgħallem Marju Frendo (AEG, VP [1615] 42r-v).

Għal xi raġuni jew oħra, Frendo ma tantx baqa' jagħti każ tagħha. Infatti waqt viżta oħra li saret fil-kappella nhar il-21 ta' April 1621,

instab li kienet kważi abbandunata: is-saqaf kien iqattar, l-inkwatru f'xi bnadi kien imqatta', u l-kappela kienet nieqsa minn kollox (AEG, VP [1621] 23v).

Is-Sur Frendo kien obbligat biex sal-festa ta' Santa Marija jsewwiha u jgħammarha kif kien xieraq. Kien obbligat ukoll li jagħmel il-quddiesa tal-festa u li jixgħel il-lampier kull nhar ta' Sibt u lejliet il-festi solenni.

F'din l-okkażjoni, il-Viżitatur għamel inkjesta biex jara kif kappella li kellha dħul tant tajjeb kienet għoddha waslet biex taqa'. U x'sab? Dawk li kellhom ir-raba' f'idejhom qatt ma kienu jagħtu l-ħlas dovut fil-ħin. Minn għal skuża u min għal oħra, dejjem iħallu mil-lum għal għada. Il-Viżitatur obbligahom biex kull wieħed jagħti li kien imissu fi żmien erbat ijiem (AEG, VP [1621] 24r).

Fis-sena 1630, il-festa ma baqgħetx tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Awwissu. Dik il-ħabta kien ġara l-istess fil-kappella ta' Santa Marija tal-Qala, fejn mill-15 ta' Awwissu l-festa kienet trasferita għat-8 ta' Diċembru. Dan għal żewġ raġunijiet. L-ewwel, in-numru ta' qassisin Għawdex dak iż-żmien kien żgħir ħafna, bejn għaxra u ħmistax. It-tieni, il-ftit li kien hawn kienu jkunu impenjati fil-festa ta' Santa Marija fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex, festa li dak iż-żmien bdiet tiżvillupa b'ritmu mgħaġġel. Għalhekk ma kien jinstab ebda qassis biex iqaddes fil-knejjes tal-kampanja.

Il-festa ta' Santa Marija fil-Qortin ġiet trasferita għall-21 ta' Novembru (AEG, VP [1630] 40r). Dak inhar, kemm il-Knisja Biżantina, kif ukoll il-Knisja Rumana jiċċelebraw il-festa tal-Preżentazzjoni tal-Madonna fit-Tempju. Il-Bizantini jirreferu għal din il-festa liturġika bħala Id-Daħla tal-Imqaddsa Theotokos fit-Tempju. Il-kappella reġgħet stejqret u nhar il-festa bdiet tiġbed folla mdaqqsa ta' nies. Iżda min kien jieħu ħsiebha ma kienx qiegħed jaqdi dmiru sew. U fl-aħħar wasal it-tmiem tagħha.

Waqt il-viżta pastorali tas-sena 1657, tant instabet f'kundizzjoni ħażina li l-Isqof ma kellux triq oħra għajr li jipprofanaha, jiġifieri jiddikjaraha li ma kienet tajba għall-ebda servizz reliġjuż. L-inkwatru u l-piżijiet li kien hemm kellhom jittieħdu fil-kappella ta' Santa Margerita li kien hemm fil-qrib (AEG, VP [1657] 16r).

## 5 • Il-kappella reġgħet instabet?

Bi żmien waqgħet; iżda ma ntesiet għal kollox tant li minn ġenerazzjoni għal oħra għaddew il-ġrajja ta' din il-kappella.

Meta fis-sena 1988 kont qiegħed nikteb il-ktieb Ta' Sannat fi ġrajjet Għawdex, u kont qiegħed nagħmel field-work relatat miegħu kont iltaqajt ma' tnejn xjuħ u ħaduni fil-wesgħa quddiem dak li kien Palazzo Margherita u qaluli li t-tradizzjoni orali tindika din iż-żona bħala l-post fejn kienet wieqfa. Dan l-aħħar, ingħad u inkiteb, li nstabet din il-kappella ta' Santa Marija ta' Nofs Awwissu fil-Qortin.

Dwar din il-kappella jien ktibt fit-tul fis-sena 1983 u fis-sena 1989. Dan l-aħħar dehru żewġ artikli fuqha fit-Times of Malta. Għal dawn kollha ara:


- Joseph Bezzina, The Veneration of Our Lady in Gozo (1600-1800) fil-ktieb Marian Devotions in the Islands of St Paul, 1600-1800, edited by Vincent Borg, Malta 1983, p.226.
- Joseph Bezzina, Ta' Sannat fi ġrajjet Għawdex, Gozo, Parroċċa ta' Sannat, 1989, p.72-75.
- Sarah Carabott, Medieval church remains unearthed in Ta' Sannat, in Times of Malta (18 ta' Mejju 2019) p.1+4.
- Sarah Carabott, Potential medieval church remains being monitored, in Times of Malta (30 ta' Mejju 2019) p.3.


## Resume in English


*Joseph Bezzina, Gozo's leading historian, in his book Ta' Sannat fi ġrajjet Għawdex, published in 1989, records that a chapel then known as of Santa Marija ta' nofs Awwissu, Saint Mary of mid-August, is first documented in 1545. It had been built by a certain Paolo Chettut and it had been standing for more than a century.*

*The chapel certainly dates to medieval times. In fact, Gozo historian De Soldanis presumes that it was already flourishing around 1400 and he based his assumption on a register of benefices or endowments to churches, one of which was related to this chapel. People nurtured a lot of devotion to the Virgin Mary venerated inside, so much so that after the tragic siege of 1551, when the whole population was taken into slavery, it did not take long for the few survivors to rehabilitate the devastated chapel. It was eventually rededicated to the Presentation of the Blessed Virgin Mary in the Temple, the only chapel in Gozo with such dedication. People from all over the island flocked to the chapel on 21 November, the feast day.*